MALTA

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 5 ta' Jannar 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Agius)**

**vs**

**Massimo Tivisini**
**ID: 228393(M)**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Massimo Tivisini** talli f'dawn il-Gzejjer, fit-28 ta' Dicembru 2015 u fix-xhur u fil-jiem ta'qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:-

Talli fit-28 ta' Dicembru 2015 u fix-xhur u l-jiem ta' qabel din id-data gewwa Hal Qormi u f'dawn il-Gzejjer gab ruhu b'mod illi ta fastidju lil Elenora Camilleri u/ jew persuna ohra meta kien jaf jew missu kien jaf illi l-ghagir tieghu kien qed johloq fastidju lil Elenora Camilleri u/ jew persuna ohra.

Talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi saq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni LAE-634 b'mod perikoluz u traskurat.

Talli fl-24 ta' Dicembru 2015 u fix-xhur u l-jiem ta' qabel din id-data gewwa Hal Qormi u f'dawn il-Gzejjer gab ruhu b'mod illi ta fastidju lil Elenora Camilleri u/ jew persuna ohra meta kien jaf jew missu kien jaf illi l-ghagir tieghu kien qed johloq fastidju lil Elenora Camilleri u/ jew persuna ohra.

Talli nhar l-24 ta' Dicembru 2015 ghall-habta tal-10:20hrs gewwa Triq Gorg Borg Hal-Qormi u f'dawn il-gzejjer ingurja u hedded lil Alfred Camilleri u/ persuni ohra.

Talli nhar is-26 ta' Novembru 2015 ghall-habta tas-18:30hrs u fix-xhur u l-jiem ta' qabel din id-data gewwa Triq Dun Karm Imsida u f'dawn il-Gzejjer gab ruhu b'mod illi ta fastidju lil Elenora Camilleri u/ jew persuna ohra meta kien jaf jew missu kien jaf illi l-ghagir tieghu kien qed johloq fastidju lil Elenora Camilleri u/ jew persuna ohra.

Talli nhar is-26 ta' Novembru 2015 ghall-habta tas-18:30 hrs volontarjament għamel ħsara li tammonta għal aktar minn mija u sittax-il ewro u sebgħa u erbghin centeżmu (€116.47) iżda mhux aktar minn elf, mija u erbgħa u sittin ewro u disgħa u sittin centeżmu (€1164.69) u dan għad-detriment ta' Elenora Camilleri u/jew persuni oħra.

Talli nhar it-30 ta' Ottubru 2015 u fix-xhur u l-jiem ta' qabel din id-data gewwa Hal-Qormi u f'dawn il-Gzejjer gab ruhu b'mod illi ta fastidju lil Elenora Camilleri u/ jew persuna ohra meta kien jaf jew missu kien jaf illi l-ghagir tieghu kien qed johloq fastidju lil Elenora Camilleri u/ jew persuna ohra.

Talli nhar il-21 ta' Ottubru 2015 u fix-xhur u l-jiem ta' qabel din id-data gewwa Hal-Qormi u f'dawn il-Gzejjer gab ruhu b'mod illi ta fastidju lil Elenora Camilleri u/ jew persuna ohra meta kien jaf jew missu kien jaf illi l-ghagir tieghu kien qed johloq fastidju lil Elenora Camilleri u/ jew persuna ohra.

Talli fl-10 ta' Ottubru 2015 u fix-xhur u l-jiem ta' qabel din id-data gewwa Hal Qormi u f'dawn il-Gzejjer gab ruhu b'mod illi ta fastidju lil Elenora Camilleri u/ jew persuna ohra meta kien jaf jew missu kien jaf illi l-ghagir tieghu kien qed johloq fastidju lil Elenora Camilleri u/ jew persuna ohra.

Talli fis-6 ta' Ottubru 2015 u fix-xhur u l-jiem ta' qabel din id-data gewwa Hal Qormi u f'dawn il-Gzejjer gab ruhu b'mod illi ta fastidju lil Elenora Camilleri

u/jew persuna ohra meta kien jaf jew missu kien jaf illi l-ghagir tieghu kien qed johloq fastidju lil Elenora Camilleri u/jew persuna ohra.

U talli fis-27 ta’ Settembru 2015 u fix-xhur u l-jiem ta’ qabel din id-data gewwa Hal Qormi u f’dawn il-Gzejjer gab ruhu b’mod illi ta fastidju lil Elenora Camilleri u/ jew persuna ohra meta kien jaf jew missu kien jaf illi l-ghagir tieghu kien qed johloq fastidju lil Elenora Camilleri u/jew persuna ohra.

U talli fl-10 ta’ Settembru 2015 u fix-xhur u l-jiem ta’ qabel din id-data gewwa Hal Qormi u f’dawn il-Gzejjer gab ruhu b’mod illi ta fastidju lil Elenora Camilleri u/ jew persuna ohra meta kien jaf jew missu kien jaf illi l-ghagir tieghu kien qed johloq fastidju lil Elenora Camilleri u/ jew persuna ohra.

U talli fit-3 ta’ Settembru 2015 u fix-xhur u l-jiem ta’ qabel din id-data gewwa Hal Qormi u f’dawn il-Gzejjer gab ruhu b’mod illi ta fastidju lil Elenora Camilleri u/ jew persuna ohra meta kien jaf jew missu kien jaf illi l-ghagir tieghu kien qed johloq fastidju lil Elenora Camilleri u/ jew persuna ohra.

U talli fis-26 ta’ Awwissu 2015 u fix-xhur u l-jiem ta’ qabel din id-data gewwa Hal Qormi u f’dawn il-Gzejjer gab ruhu b’mod illi ta fastidju lil Elenora Camilleri u/jew persuna ohra meta kien jaf jew missu kien jaf illi l-ghagir tieghu kien qed johloq fastidju lil Elenora Camilleri u/jew persuna ohra.

Akkuzat ukoll talli f’dawn il-Gzejjer, fit-28 ta’ Dicembru 2015 u fix-xhur u fil-jiem ta’ qabel din id-data, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda bl-imgieba tieghu ikkaguna bizgha lil Eleonora Camilleri li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta’ taghha.

U aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi irrenda ruhu ricediv ai termini tal-artikoli 49, 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta wara li huwa ga’ gie misjub hati permezz ta’ diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

U finalment talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi kiser ordni imposta fuqu mill-Qorti bil-ksur tal-artikolu 412C tal-Kap 9 u cioe’ Ordni ta’ Protezzjoni fil-konfront ta’ Elenora Camilleri ghal tlett snin, imposta fuqu f’ Jannar 2016.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tinhareg Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront ta' Eleonora Camilleri fit-termini tal-Artikolu 412 tal-Kap 9.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti proċesswali kollha.

Semgħet, fis-seduta tal-lum, lill-imputat jammetti li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u semgħetu jikkonferma l-ammissjoni tiegħu anke wara li l-Qorti tagħtu żmien jikkunsidra l-posizzjoni tiegħu.

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena idonea li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputat.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu u ghaldaqstant, il-Qorti, wara li fliet l-atti processwali kollha hija sodisfatta li dawn gew ippruvati ghajr ghac-cirkostanza li l-imputat kiser ordni imposta fuqu ai termini tal-artikolu 412C u dan kif se jigi spjegat aktar 'il quddiem.

Mill-provi prodotti, u senjatament mir-rapporti maghmula minn Elenora Camilleri u mis-sentenzi fil-konfront tal-imputat li gew esebiti mill-Prosekuzzjoni, jirrizulta car illi l-imputat ghandu problema gravissima li qieghdha tohloq problemi kbar lil Elenora Camilleri.  Din il-problema principalment tikkonsisti fil-fatt illi l-imputat ghadu ossessjonat minn relazzjoni li kellu fil-passat mal-istess Camilleri u ghalkemm l-istess Camilleri urietu b'mod car li r-relazzjoni taghhom spiccat huwa qieghed jibqa' jippersisti biex ikellimha bil-konsegwenza li jmur wara biebha u anke fuq il-post tax-xoghol taghha.

Illi jirrizulta wkoll illi dan l-agir tal-imputat beda fis-sena 2008 u wara li Camilleri ghamlet rapporti dwar din l-imgieba tal-imputat huwa tressaq quddiem il-Qorti darbtejn fl-istess sena, ammetta, u gie moghti sentenza ta' prigunerija sospiza.  Pero',  jirrizulta, illi fl-2012 l-imputat rega' ta fastidju lill-istess Camilleri u dan f'numru ta' okkazjonijiet u rega' tressaq quddiem dawn il-Qrati, ammetta, u fit-22 ta' Frar 2013 gie kkundannat disa' (9) xhur habs. Illi appena hareg mill-habs huwa kompla bl-agir tieghu jiffastidja lil Camilleri liema fastidju baqa' sejjer ghal numru ta' xhur sakemm eventwalment rega' tressaq quddiem din il-Qorti diversament presjeduta, ammetta l-

imputazzjonijiet, u fis-17 ta’ Jannar 2014 gie kkundannat tletin (30) xahar prigunerija, giet mahruga Ordni ta’ Protezzjoni u Trazzin a favur ta’ Elenora Camilleri u wkoll Ordni ta’ Trattament fil-konfront tieghu.

Illi mill-istqarrija tal-istess imputat (a fol. 23) jirrizulta illi huwa gie rilaxxjat mill-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin fis-17 ta’ Awissu 2015, u ezattament ftit jiem wara rega’ kompla jiffastidja lill-imsemmija Camilleri, liema agir kompla jigi mwettaq fix-xhur ta’ wara sakemm eventwalment l-imputat gie mressaq quddiem din il-Qorti fit-30 ta’ Dicembru 2015 akkuzat bir-reati in dizamina.

Illi ghalhekk jirrizulta illi l-imputat gie trattat minn dawn il-Qorti bil-mezzi kollha a disposizzjoni taghhom izda sfortunatament jirrizulta illi l-imputat baqa’ ma jridx jifhem illi l-agir tieghu se jiswielu qares u se jerga’ jtellfu l-liberta’.

Illi maghdud dan kollu, din il-Qorti ma tara li ghandha l-ebda alternattiva hlief li tikkundanna lill-imputat ghal terminu iehor ta’ prigunerija effettiva maghdud maghha ordnijiet li l-Qorti tawgura li l-imputat juzufruwixxi minnhom b’impenn u serjeta`  sabiex forsi jinqala’ minn dan ic-cirku vizzjuz li dahal fih u li qieghed kontinwament ikun ta’ nkwiet u ansjeta’ ghal Elenora Camilleri u l-familjari taghha. Illi ghalhekk il-Qorti tawgura li fiz-zmien li l-imputat se jkun fil-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin huwa jigi segwit minn nies professjonali li jaghtuh dik it-terapija necessarja biex fl-ahhar jifhem illi r-relazzjoni li xi darba kellu ma’ Elenora Camilleri illum hija inezistenti u li Camilleri u l-familjari taghha ghandhom id-dritt li jghixu hajjithom fil-paci.

Illi qabel tghaddi ghall-piena l-Qorti tirrileva illi ghalkemm l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, ma tistghax issibu hati tal-fatt illi huwa kiser ordni imposta fuqu mill-Qorti bi ksur tal-artikolu 412C tal-Kap 9 u cioe’ ordni ta’protezzjoni fil-konfront ta’ Elenora Camilleri imposta fuqu f’Jannar 2016. Dan qieghed jinghad ghaliex tali ordni hija datata 17 ta’ Jannar 2014 u mhux 2016 kif imnizzel fl-imputazzjoni (ara fol. 81).

**DECIDE**

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17, 18, 31, 49, 50, 251A, 251B, 252 (2), 325 (1) (b), 382A, 412C, 412D u 532A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, artikolu 15 (1) (a)  u (2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta,  fuq ammissjoni tieghu, qieghda ssib lil **Massimo Tivisini**, recidiv f’delitti permezz

ta' sentenzi li ghaddew in gudikat, hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, ghajr ghall-imputazzjoni li kiser l-Ordni ta' Protezzjoni imposta fuqu f'Jannar 2016 u li minnha qieghdha tilliberah, u tikkundannah:-

a) Ghall-**piena komplessiva ta' erbghin (40) xahar prigunerija**, u kif ukoll, in vista tat-tieni imputazzjoni u cioe' ta' sewqan b'mod perikoluz u traskurat, qieghdha tiskwalifikah milli jkollu jew jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien tmintax-il xahar minn meta jiskonta l-piena ta' prigunerija;
b) Wara li rat l-artikoli 382A u 412C tal-Kodici Kriminali il-Qorti qieghdha tohrog **Ordni ta' Protezzjoni u Trazzin** kontra l-imputat skond it-termini enuncjati fl-istess digriet anness ma' din is-sentenza, liema Ordni qieghdha ssir ghal perjodu ta' tlett (3) snin li jibdew jiddekorru minn meta l-hati jiskonta l-piena karcerarja hawn fuq imsemmija;
c) Inoltre, il-Qorti, qieghdha tqieghed lill-hati taht **Ordni ta' Trattament** ai termini tal-artikolu 412D tal-Kodici Kriminali u dana skond it-termini imsemmija fid-digriet anness ma' din is-sentenza, liema ordni qieghdha ssir ghal perjodu ta' tlett (3) snin;
d) Wara li l-Qorti rat l-artikolu 532A tal-Kodici Kriminali, filwaqt li tiddikjara lill-imputat Massimo Tivisini responsabbli ghad-danni sofferti minn Elenora Camilleri fil-vettura taghha bin-numru ta' registrazzjoni BBX396, tikkundannah sabiex ihallasha s-somma ta' tmien mija u hamsa u tmenin Ewro (€885);

Finalment, il-Qorti fissret bi kliem car il-konsegwenzi li huwa jkollu jirrispondi ghalihom f'kaz li huwa ma jottemprax ruhu mal-kundizzjonijiet imposti fuqu bl-ordnijiet hawn fuq imsemmija.

Il-Qorti tordna komunika ta' din is-sentenza flimkien mad-digrieti annessi lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, lil Roberta Holland u lil Dr.Marija Axiak.

**Dr. Charmaine Galea**
**Magistrat**

Diane Gatt
Deputat Registratur

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**ORDNI TA' TRATTAMENT**
**(MAGĦMUL SKONT L-ART. 412 D TAL-KAP.9 TAL-LIĠIJIET TA' MALTA)**

**Maġistrat Dr. Charmaine Galea**

**Illum 5 ta' Jannar 2016**

**PULIZIJA**
**(Spettur Roderick Agius)**
**vs**
**MASSIMO TIVISINI**

Il-Qorti,

Billi b`sentenza mogħtija llum, fl-ismijiet fuq premessi, Massimo Tivisini, detentur tal-karta tal-identita bin-numri 228393 (M) ġie misjub ħati kif imfisser fl-istess sentenza u ġie mpoġġi taħt Ordni ta' Trattament ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta u wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Trattament;

Wara li fissret lill-ħati bi kliem ċar l-effett ta' din l-Ordni ta' trattament u illi jekk jonqos li jħares jew li milli jikkonforma ruħu ma' xi rekwiżit jew kondizzjoni tal-ordni sakemm dan l-Ordni jkun fis-seħħ, il-Qorti tista' twaħħlu ammenda ta' mhux iżjed minn elf u mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69);

Wara li l-ħati wera li jrid iħares il-kundizzjonijiet ta' din l-Ordni ta' Trattament;

Għalhekk, tordna li l-ħati Massimo Tivisini, detentur tal-karta tal-identita bin-numri 228393 (M) jitpoġġa taħt ordni ta' trattament għal perjodu ta' tliet snin mil-lum taħt il-kundizzjonijiet hawn taħt imsemmija :

1. It-Trattament ghandu jkun ta' natura psikologika u psikjatrika skond kif l-esperti mahtura hawn taht jiddeterminaw bejniethom fl-ahjar interess tal-hati, u sabiex jindirizza l-ossessjoni u l-fissazzjoni li huwa ghandu fil-konfront ta' Elenora Camilleri. Ghal dan il-ghan, il-Qorti qieghdha tahtar lil Roberta Holland (bhala Psikologa Forensika tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin) kif ukoll lil Dr. Maria Axiak (Bhala Konsulent Psikjatriku tal-Facilita' Korrettiva

ta’ Kordin) sabiex jinvistaw u jezaminaw lill-hati u jippreskrivu dawk it-trattamenti u kuri kollha li huwa ghandu bzonn biex jeghleb il-problemi hawn fuq imsemmija;

2. Illi matul il-perjodu ta' din l-Ordni, il-hati ghandu joqghod ghad-direttivi u ordnijiet kollha tal-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin u tal-Esperti mahtura aktar ‘il fuq u jzomm dak il-kuntratt mehtieg mal-istess esperti skond il-htiega tal-kaz;

3. L-Esperti mahtura ghal dan l-iskop ghandhom jirraportaw bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-hati kull sena.

__________________________________

**Massimo Tivisini**
**(Karta ta’ l-Identita Numru 228393 M)**

_________________________________

**Dr. Charmaine Galea**
**Magistrat**

________________________________

**Diane Gatt**
**Deputat Reġistratur**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**ORDNI TA' PROTEZZJONI**
**U**
**ORDNI TA' TRAZZIN**
**(MAGĦMULIN SKONT L-ART. 382A u 412 C TAL-KAP.9 TAL-LIĠIJIET TA' MALTA)**

**Maġistrat Dr. Charmaine Galea**

**Illum 5 ta' Jannar 2016**

**PULIZIJA**
**(Spettur Roderick Agius)**
**vs**
**MASSIMO TIVISINI**

Il-Qorti,

Billi b`sentenza mogħtija llum, fl-ismijiet fuq premessi, Massimo Tivisini, detentur tal-karta tal-identita bin-numri 228393 (M) ġie misjub ħati kif imfisser fl-istess sentenza;

Illi wara li rat l-Artikoli 382A u 412C tal-Kodici Kriminali qieghdha tohrog Ordni ta' Protezzjoni u ta' Trazzin kontra l-hati Massimo Tivisini taht il-kundizzjonijiet segwenti u cioe':-

1. Tipprojbixxi lill-hatti milli b'xi mod javvicina, jikkuntattja jew b'xi mod isegwi l-movimenti ta' Eleonora Camilleri, residenti 57, Raisa, Triq l-Ghoxrin ta' Jannar, Hal-Qormi jew kull fejn tista' tirrisjedi minn zmien ghal zmien;
2. Tipprojbixxi lill-hati milli jaccedi gewwa jew qrib il-fond fejn Eleonora Camilleri tkun qieghdha tghix, tahdem jew tiffrekwenta, ukoll jekk il-hati ikollu xi nteress legali f'dak il-fond;
3. Tipprojbixxi lill-hati milli jikkuntattja jew jimmolesta lil Eleonora Camilleri, Alfred Camilleri u l-familjari taghhom;
4. Din l-Ordni ghandha tibqa' fis-sehh ghall-perjodu ta' tlett (3) snin li jibdew ghaddejjin mid-data li l-imputat jiskonta l-piena karcerarja tieghu imsemmija fis-sentenza moghtija llum stess 5 ta' Jannar 2016;

5. Jekk minghajr raguni valida jikser xi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqu kif imsemmi hawn fuq, jista' jekk jinstab hati jehel multa ta' elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) jew prigunerija ta' mhux izjed minn sitt (6) xhur jew it-tnejn flimkien.

________________________________

**Massimo Tivisini**
**(Karta ta' l-Identita Numru 228393 M)**

________________________________

**Dr. Charmaine Galea**
**Magistrat**

________________________________

**Diane Gatt**
**Deputat Reġistratur**